ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
11 AUG 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

S

FIT-TRIBUNAL DWAR REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Wara l-għoti tal-permess bin-numru PA/00551/22, nhar it-13 ta' Lulju 2022:

Applikant: Mark Agius

Sit: Site at Ta' Żejta, Triq is-Sellum, c/w New Street ġewwa Triq is-Sellum, Rabat, Għawdex

Proposta: To demolish existing building and construct 36 garages and sub-station at lower basement, 5 garages at upper basement, 54 overlying apartments and 2 pools at penthouse level.

L-Onor Imħallef Grazio Mercieca

vs

L-Awtorità tal-Ippjanar; u
Mark Agius

RIKORS tat-terz interessat l-Onor. Imħallef Grazio Mercieca ai termini tal-artikolu 33 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta

L-applikanti talab permess biex jibni '36 garages and sub-station at lower basement, 5 garages at upper basement, 54 overlying apartments and 2 pools at penthouse level' f'żona li tinsab prattikament tmiss ma' wied u li qegħda quddiem *waterway* attiva. Ir-ritratti esebiti jitkellmu weħidhom. Minkejja dan, l-Awtorità tal-Ippjanar ma sabet l-ebda diffikultà bil-proposta ta' blokka massiva f'dan il-post, u għaddiet biex laqgħet it-talba għall-permess.

Il-permess għandu numru kbir ta' irregolaritajiet, u diffikultajiet; evidenti dan min-numru ta' aggravvji fl-appell. Għall-finijiet ta' din it-talba, l-esponenti jagħmel riferenza sħiħa għall-appell, u jitlob umilment illi dan it-Tribunal jikkunsidra wkoll (flimkien ma' dak li ngħad hawn) dak li ngħad fl-appell.

Ir-ritratti esebiti juru kif inhi z-zona llum, u l-permess mogħti ma jħalli l-ebda dubji kif se ssir il-proprjetà jekk jingħata l-permess. Dan tal-*permit holder* huwa

permess massiv f'art mhux minsusa, li qegħda fl-impossibilità li tiġi *reversed* kemm-il darba l-permess jiġi revokat, kif l-esponenti jemmen bis-sħiħ li għandu jsir. Jekk il-bini jibda, ftit li xejn jibqa' skop għall-appell – u allura, is-sospensjoni hija kruċjali f'dan il-każ.

GĦALDAQSTANT, l-esponenti umilment jitlob sabiex dan it-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess numru PA/0551/22, sakemm jinstema' u jiġi deċiż dan l-appell.


Avukat Carlos Bugeja
Prolegal Advocates
Vjal ir-Riħan, Triq tal-Balal
San Ġwann
carlos@prolegal.mt

Perit Joanna Spiteri Staines
Openworks Studio
3, Melita House, 35
Triq Sir Augustus Bartolo
Ta' Xbiex
joanna@ows.com.mt